MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2014

Appell Civili Numru. 155/2012/1

**FLOAT GLASS LIMITED**

**Vs**

**MARKET HANDLE LIMITED**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tal-15 ta' Lulju 2013, fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"Il-Qorti:-*

*Rat ir-rikors ipprezentat -Registru ta' din il-Qorti nhar it-30 ta' April 2012, li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' sitt elef, erba' mija u ghoxrin ewro (€6,420) rapprezentanti prezz ta' hgieg mibjugh u konsenjat lis-socjeta' konvenuta.*

*Bl-ispejjez, bl-imghax u b'hekk il-konvenuti jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.*

*Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta Market Handle Limited li giet ipprezentata fit-18 ta' Frar 2013 fejn eccepiet:*

*1. "Illi t-talba attrici hija preskritta bl-gheluq ta' tmintax-il xahar ai termini ta' l-artikolu 2148 (a) u l-artikolu 2148 (b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*
*2. Illi ghalhekk l-ebda ammont ma huwa dovut lill-kumpanija attrici mill-kumpanija esponenti;*

*Bl-ispejjez kontra l-kumpanija attrici li l-azzjonisti, diretturi u rapprezentanti taghha huma minn issa stess ingunti in subizzjoni."*

**Joseph Zammit** *ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' attrici xehed fl-4 ta' April 2013 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' Direttur tas-socjeta' attrici Float Glass Limited li taghmel il-hgieg. Huwa spjega li s-socjeta' konvenuta kellha bzonn li jsirilha xi hgieg f'diversi partitions li kellha fl-ufficini taghha gewwa Birkirkara u ghalhekk tawha quotation u hija accettat din l-istima u ghamlet l-ordni maghhom. L-ammont mitlub minnu fir-rikors promotur cioe' sitt elef, erba' mija u ghoxrin ewro (€6,420) jirrapprezenta x-xoghol kollu li huma ghamlu ghas-socjeta' konvenuta. Ix-xoghol effettivament ghamluh, haduh fuq il-post u wahhluh. Huwa tenna li wara li huma kienu baghtu l-kont kienu rcevew cekk minghand is-socjeta' Market Handle datat 25 ta' Ottubru 2010 fl-ammont intier ta' sitt elef erba' mija u ghoxrin ewro (€6,420), pero' kif*

*jirrizulta mid-dokument esebit u li gie mmarkat bhala Dokument Z, huma kienu rcevew ittra minghand l-HSBC bic-cekk irritornat lilhom. Huwa esebixxa dan ic-cekk li gie mmarkat bhala dokument X u fil-fatt spjega li dan kien qed jissostitwixxi zewg cekkijiet li kienu gew mibghuta qabel, liema cekkijiet kienu datati 15 ta' Awissu 2010 u 15 ta' Settembru 2010 ghall-ammont ta' tlett elef mitejn u ghaxar ewro (€3,210) il-wiehed liema zewg ammonti flimkien jammontaw ghal sitt elef erba' mija u ghoxrin ewro (€6,420), l-ammont li qed jintalab fir-rikors promotur. Dawn iz-zewg cekkijiet ukoll kienu gew referred to drawer. Dawn gew immarkati bhala dokument S u T rispettivament flimkien mal-ittra li kienu rcevew minghand l-HSBC li giet immarkata bhala Dok P.*

*Mistoqsi mill-Qorti jekk huma effettivament marrux bic-cekkX il-bank qal li iva kienu marru pero' tal-bank qalulhom li dan ic-cekk ma kienx ser jissarraf u kien ghalhekk li ghamlu din il-kawza.*

*Ix-xhud esebixxa kopja tal-invoice li l-Qorti mmarkat bhala dokument CSH u din hija datata 2 ta' Lulju 2010 fl-ammont ta' sitt elef erba' mija u ghoxrin ewro (€6,420). Huwa kkonferma li huwa kien biegh il-hgieg lis-socjeta' konvenuta biex taghmel uzu minnu u mhux sabiex terga' tbieghu u dan kien negozju ta' darba. Mistoqsi meta effettivament sar bl-ezatt ix-xoghol wiegeb li ma jiftakarx pero' jaf li sar qabel l-invoice zgur. Effettivament iz-zewg cekkijiet li gew esebiti ghas-somma ta' tlett elef, mitejn u ghaxar ewro (€3,210) il-wiehed gew mahruga wara hafna. L-ewwel hargu z-zewg cekkijiet fl-ammont ta' tlett elef mitejn u ghaxar ewro (€3,210) u meta dawn ma ssarfux inhareg cekk iehor ghal ammont kollu ta' sitt elef erba' mija u ghoxrin ewro (€6,420) liema cekk ma ssarrafx ukoll. Huwa stqarr ili jista' jkun li effettivament id-dokument S kien gie depozitat minnhom qabel iz-zmien u dan peress li c-cekk seta' kien post dated. Qabel ma pproceda b'din il-kawza ix-xhud jaf li Dr Gatt kien baghtlu xi ittra li setghet kienet wahda ufficjali.*

***Joseph Zammit** rega' xehed fit-8 ta' Mejju 2013 fejn iddikjara li x-xoghol li huma gew mitluba jaghmlu ghas-socjeta' konvenuta effettivament kien*

*ghal xi klijent taghhom. Fil-fatt kien jghid li x-xoghol kien ghal xi mara Franciza li ghandha kumpanija hawn Malta. Huma ghamlu diversi ufficini, bieb u hgieg. Huwa jaf li s-socjeta' konvenuta qatt ma' cahdet li effettivament kellha taghti l-flus pero' dejjem kienet tittratieni li thallashom. Minkejja li x-xoghol ma kienx ghalihom, l-invoice harget f'isem Market Handle ghax kienet hi li ghamlet l-ordni. Mistoqsi jekk is-sinjura li semma setghetx kienet id-Direttur tas-socjeta' Market Handle qal li ma jafx u qatt ma ltaqa' maghha.*

*Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta Market Handle Limited li gietipprezentata fit-18 ta' Gunju 2013 li permezz taghha gew ezebiti zewg affidavits ta' Celine Lee Bentley u Donald Micallef.*

***Donald Micallef** fl-affidavit tieghu ddikjara li fit-3 ta' Mejju, 2010 kienet giet imwaqfa l-kumpanija Market Handle Limited fejn Celine Lee Bentley kienet u ghadha l-unika direttrici u shareholder f'dik il-kumpanija. Huwa tenna li l-oggettivi tal-kumpanija kienu bbazati fuq konsulenza, marketing, research u PR u huwa kien ic-chief executive officer. Huwa kien jahdem self-employed u kien jaghti konsulenza freelance. Din il-kumpanija kienet ser toffri prodott li joffri l-possibilta' li jkun hemm marketing fis-swieq internazzjonali. Huma kienu qed jippjanaw li dan il-prodott iservi bhala marketing hub ghal pajjizi ohrajn.*

*Ix-xhud stqarr li l-ufficcju li kienet topera fih Market Handle Ltd kien mikri minghand certu Joseph Falzon maghruf bhala "il-Beraq". L-ufficju kien inkera bhala shell form u l-hgieg ghall-ufficju kien inxtara minn Float Glass Limited. L-invoice datata 2 ta' Lulju, 2010 li giet esebita mir-rapprezentant tal-kumpanija Float Glass Limited turi x-xiri ta' dan il-hgieg. Fil-fatt il-bejgh u l-konsenja saru qabel dik id-data. Huwa ddikjara li wara dan il-bejgh ma kienx hemm aktar komunikazzjoni bejniethom.*

*Ix-xhud spjega li f'Dicembru tal-2010 il-kumpanija li minghandha s-socjeta' konvenuta kienet xtrat l-ghamara u cioe' Alfa Company Ltd*

*kienet ghamlet mandat ta' qbid kawtelatorju li jgib in-numru: 1674/2010 fl-ismijiet "**Alfa Company Limited v. Market Handle Limited**". Huwa sar jaf b'dan il-mandat meta l-marixxalli kienu gew biex jaghmlu l-elenku ta' dak kollu li kien hemm gewwa l-ufficcju tas-socjeta' konvenuta u jelevaw l-oggetti. Fil-fatt l-oggetti gew elevati f'Jannar 2011 u ghalhekk waqaf l-operat kollu tal-kumpanija Market Handle Limited.*

*Huwa sostna li s-socjeta' konvenuta qatt ma rceviet xi ittra ufficjali minghand il-kumpanija Float Glass Limited. Huma saru jafu b'din il-kawza ghax kien infurmahom biha l-avukat li qalilhom li kienet saret notifika bl-affissjoni fejn is-socjeta' konvenuta qabel kellha l-ufficju u fil-gazzetti u li jekk ma kienx ser iwiegeb kienet ser tinghata s-sentenza.*

*Dwar il-pretensjonijiet tal-kumpanija Float Glass Limited stqarr illi wara parir li kien ha, is-socjeta' konvenuta ma ghandha taghtiha l-ebda ammont ghax ghaddew aktar minn tmintax (18)-il xahar bejn meta sar il-bejgh tal-hgieg u d-data meta nfethet din il-kawza. Huwa qal illi dawn ix-xhur ghaddew anke mid-data tal-fattura li harget is-socjeta' attrici u mid-data tac-cekkijiet ezebiti mill-konvenuti. Ghalhekk huwa ddikjara li t-talba hija preskritta bl-gheluq ta' dawn it-tmintax-il xahar.*

***Celine Lee Bentley** iddikjarat bl-Ingliz fl-affidavit taghha li hija l-unika direttur u shareholder fis-socjeta' konvenuta. Hija stqarret li fis-sajf tal-2009 hija kienet Malta fuq studju u ndunat kemm bis-sbuhija tal-pajjiz u bl-opportunita' li hawn fl-oqsma tal-PR u tar-reklamar. B'kumbinazzjoni meta kienet Malta ltaqghet ma' zewg imprendituri li wiehed minnhom kien Philippe Maurice Mifsud li kien id-direttur ta' Webconsulta Company Limited u s-sid ta' autotraderMalta.com. Hija ltaqghet ma' Donald Micallef bis-sahha ta' Philippe. Donald Micallef jahdem bhala sales and marketing director fil-kumpanija Caruana Curran Group. Ix-xhud stqarret illi dan Donald Micallef kellu idejat innovattivi u kellu gharfien tajjeb fil-qasam lokali tar-reklamar u kellu wkoll hafna kuntatti. Ftit wara meta hija waqqfet il-kumpanija Market Handle Limited, Donald inghata l-kariga ta' Chief Executive Officer f'din il-kumpanija. Hija spjegat li meta waqqfet il-*

*kumpanija taghha kienet kellmet lil Donald ghax riditu jifforma parti mit-tim taghha u huwa nghaqad mal-kumpanija bhala freelance consultant u kellu r-rwol ta' Chief Executive Officer.*

*Ix-xhud iddikjarat li s-socjeta' konvenuta giet inkorporata fit-3 ta' Mejju 2010 bl-obbjettivi principali taghha kienu fl-oqsma tal-konsulenza, marketing, research u PR. Is-socjeta' konvenuta kriet l-ufficju minn Joseph Falzon maghruf bhala "Il-Beraq" u jinsab fi Triq GF De Soldanis, Birkirkara. Hija kienet iltaqghet ma' Joseph Falzon minn Donald Micallef. Dan l-ufficju kien inkera bhala shell form u kien hemm bzonn li jsir hafna xoghol f'dan l-ufficju.*

*Is-socjeta' konvenuta ufficjalment fethet il-bibien taghha fl-24 ta' Mejju 2010. Hija kienet stiednet lill-Ministru tal-Finanzi ta' dak iz-zmien u cioe' Dr Tonio Fenech ghal dan il-ftuh ufficjali u dan il-ftuh kien irrapportat fil-media lokali kollha.*

*Ix-xhud iddikjarat li s-socjeta' konvenuta kienet ordnat u xtrat il-hgieg mis-socjeta' attrici. Dan il-hgieg kien intuza' fl-ufficju u kien inxtara darba biss. Hija stqarret illi qatt ma kkomunikat ma' xi rapprezentant jew impjegat tas-socjeta' attrici. Il-kumpanija konvenuta waqfet tahdem f'Jannar 2011 wara li kien gie ezegwit mandat ta' qbid minn terzi persuni.*

*Hija ddikjarat li s-socjeta' konvenuta qatt ma rciviet ittri legali minn Float Glass Limited. Ix-xhud kienet giet infurmata b'din il-kawza mill-avukat taghha li nfurmahom li kien hemm affissjoni tan-notifika fil-gazzetti u fl-ufficcju taghhom li filfatt m'ghadhomx jokkupaw huma. Rigward it-talba tas-socjeta' attrici hija ddikjarat li s-socjeta' konvenuta m'ghandha taghti xejn lis-socjeta' attrici ghax fil-fatt kienu ghaddew tmintax-il xahar mid-data ta' meta' nxtara l-hgieg sa meta nfethet il-kawza.*

*Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kawza nhar is-26 ta' Gunju 2013 u jirrimettu ruhhom ghall-atti processwali filwaqt li awtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi f'din il-kawza is-socjeta' attrici qed titlob lil din l-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma pretiza u msemmija minnha fir-rikors promotur fl-ammont ta' sitt elef, erba' mija u ghoxrin ewro (€6,420) rapprezentanti bejgh ta' hgieg lis-socjeta' konvenuta. Is-socjeta' konvenuta qed tecepixxi l-preskrizzjoni u tghid ghalhekk li l-ammont mitlub minnha mhux dovut u dan stante li fil-fehma taghha ghaddew tmintax-il xahar minn meta gie supplit il-hgieg u t-talba ghall-hlas. Dwar il-mertu u cioe' il-kundizzjoni u stat tal-hgieg is-socjeta' konvenuta ma tghid xejn.*

*Jirrizulta mill-atti processwali li verament l-hgieg li ordnat is-socjeta' attrici kien gie supplit qabel ma nharget l-invoice a fol. 50 mmarkat bhala Dok CSH u cioe' qabel it-2 ta' Lulju 2010 u in fatti l-kawza odjerna giet intavolata fit-30 ta' April 2012 u ghalhekk m'hemmx dubju li t-terminu imsemmi mill-konvenut ta' preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar verament kien skada u dan mhux dubitat.*

*Pero' naturalment il-perjodu ta' preskrizzjoni jista' jigi interott. Il-Qorti taghmel refernza ghas-sentenza "__**Stencil Pave (Malta) Ltd vs Dr. Maria**__*

*__**Deguara noe.**__" (P.A. -30 ta' Ottubru, 2003) fejn gie ritenut in rigward ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li din "hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmieri li ghadda z-zmien jew billi ggib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa'*

*principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddhielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq".*

*Illi jinghad ghalhekk ukoll li meta s-socjeta' konvenuta eccepiet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni imiss lill-istess socjeta' konvenuta li tipprova li t-tmintax-il xahar kienu ghalqu jew skadew u ghalhekk li l-prova ta' preskrizzjoni tkun saret. Minn naha l-ohra jekk dan jigi pruvat, kien imiss imbaghad lill-attur li jipprova illi l-kors tal-preskrizzjoni kien gie validament interrott u f'dan is-sens hija s-sentenza "**Paolo Calleja vs Luigi Vella**" (A.C. -15 ta' April 1964).*

*Illi naturalment jezistu sitwazzjonijiet fejn il-preskrizzjoni eccepita tista' titqies rinunzjata jekk per ezempju, d-debitur b'att tieghu spontanju ta' assunzjoni ta' certu sistema ta' difiza jpoggi ruhu fi stat ta' fatt li jirrendi inkompatibbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-presunzjoni kostitwenti l-fondament tal-preskrizzjoni.*

*Hekk per ezempju l-kaz ta' pagament akkont tad-debitu, liema pagament jikkostitwixxi rikonjizzjoni tad-dejn (Vol.XXX.i.755) u allura att minnu nnifsu interruttiv, ossija "l'abdicazione di un diritto."* ***("Farrugia vs Petrini"*** *–P.A. - 7 ta' Dicembru 1901).*

*Illi r-rikonoxximent tad-debitu stabbilit mill-**Artikolu 2133** jestrinsika ruhu jew permezz ta' xi dikjarazzjoni esplicita jew bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika l-ammissjoni ta' l-ezistenza tad-dritt. Ad exemplum, il-weghda tal-hlas, talba ghad-dilazzjoni tal-pagament, il-hlas akkont **(Artikolu 2134),** l-annotazzjoni tad-debitu f'denunzja tas-successjoni jew f'forma ta' entrata fl-accounts.*

*Illi jinsab precizat ukoll, kemm fid-duttrina legali, kif ukoll fil-gurisprudenza, illi dan ir-rikonoxximent tad-dritt ghal fini ta' l-interruzzjoni*

*tal-preskrizzjoni hu konfigurabbli fir-rekwiziti tal-volontarjeta`, tal-konsapevolezza, ta' l-inekwivocita`, dejjem b' mod esterjorizzat. Rekwiziti dawn li hu necessarju li jikkoezistu flimkien fl-istess att (**"Austin Psaila vs Lothar Slabick"** – A.I.C. (PS) – 9 ta' Frar 2005).*

*Illi madankollu jibqa' dejjem imperattiv illi l-prova dwar dawn l-istess rekwiziti trid issir mill-attur billi huwa dan li jkun qed jikkontrasta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-kontroparti.*

*Kif tajjeb gie ossevat fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet '**Raymond Grech et Vs Stefan Borg'** nhar l-14 ta' Gunju 2001 inghad li "Fost ic-cirkostanzi mahsuba mil-ligi li jiksru l-preskrizzjoni, wiehed isib (a) it-talba b'att gudizzjarju; (b) bl-gharfien tal-jedd tal-parti li kontra taghha kien ghaddej iz-zmien tal-preskrizzjoni; jew (c) bi hlas akkont".*

*L-**Artikolu 2133 tal-Kap.16** jddisponi li "Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jaghraf il-jedd tal-parti li kontra taghha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja".*

***L-artikolu 2134** tal-istess Kap jiddisponi li "Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll bi hlas akkont tad-dejn maghmul mid-debitur innifsu jew minn wiehed li jkun jidher ghalih".*

*In kwantu ghar-rinunzja tal-preskrizzjoni gia kompita, gie osservat li min jaccetta li jhallas parti minn somma reklamata kontra tieghu, wara li jkun ghadda z-zmien tal-preskrizzjoni favur tieghu, jigi li rrinunzja ghall-preskrizzjoni ga akkwistata.*

*Illi dan kollu qed jinghad ghaliex filwaqt li s-socjeta' konvenuta eccepiet il-preskrizzjoni bl-gheluq ta' tmintax-il xahar ai termini tal-**Artikolu 2148 (a) u 2148 (b) tal-Kap 16** ma qalet xejn dwar il-pagamet li kien sar*

*minnha. Jirrizulta mill-atti li d-Direttrici Celine Lee Bently u Donald Micallef jghidu li l-hlas mhux dovut ghaliex huwa preskritt pero' ma jsemmu xejn dwar il-hlas li sar minnhom permezz ta' diversi cekkijiet esebiti fl-atti fejn allura addirittura irrikonoxxew li verament is-socjeta' konvenuta kienet debitrici u ghalhekk dan ir-rikonoxximent jinterrompi il-preskrizzjoni.*

*Jirrizulta mill-atti u dan mill-provi prodotti mis-socjeta' attrici li effettivament is-socjeta' konvenuta kienet accettat li hija debitrici taghha ghaliex kienet halset permezz ta' zewg cekkijiet esebiti fl-atti a fol 46 u 49 immarkati bhala Dok S u T rispettivament ghas-somma ta' sitt elef, erba' mija u ghoxrin ewro (€6,420) komplessivament. Pero' sfortuntament dawn iz-zewg cekkijiet ma ssarfux u gew mibghuta lura lis-socjeta' attrici bil-kliem "refer to drawer". Jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' Joseph Zammit, Direttur tas-socjeta' attrici, li s-socjeta' attrici kienet kkomunikat mas-socjeta' konvenuta u kienet infurmatha li dawn iz-zewg cekkijeit kienu ibbouncjaw tant li s-socjeta' konvenuta kienet harget cekk iehor datat 25 ta' Ottubru 2010 ghall-ammont ta' sitt elef, erba' mija u ghoxrin ewro (€6,420) (Dok X a fol. 46) sabiex taghmel tajjeb ghal dan id-debitu pero' dan ukoll ma ssarrafx.*

*Illi ghalhekk dan l-artikolu ta' preskrizzjoni citat mill-konvenut ma jissustix fil-konfront tas-socjeta' attrici u dan ghaliex l-istess socjeta' konvenuta kienet irrikonoxiet id-debitu taghha billi halset dan l-ammont permezz ta' zewg cekkijiet li ibbouncjaw u ghalhekk b'din l-azzjoni kienet qed tirrikonoxxi d-dejn taghha.*

*Il-Qorti tinnota li s-socjeta' konvenuta resqet eccezzjoni ohra fis-sens li l-ammont mitlub mhux dovut. Bir-rispett kollu is-socjeta' attrici ppruvat permezz tax-xhieda u dokumenti taghha li dan id-debitu ghadu dovut filwaqt li s-socjeta' konvenuta ma ttentatx tipprova li effettivament mhux dovut u ghalhekk in vista tal-provi prodotti u elenkati aktar 'il fuq, il-Qorti hija konvinta li dan id-debitu ghadu dovut mis-socjeta' konvenuta fl-intier tieghu.*

***Ghaldaqstant din il-Qorti, filwaqt li tirrispingi l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta qieghda tilqa' it-talba attrici b'dan illi qed tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici dik is-somma mitluba minha fir-rikors promotur fl-ammont ta' sitt elef, erba' mija u ghoxrin ewro (€6,420).***

***L-ispejjez ta' din il-kawza jtihallsu mis-socjeta' konvenuta u l-imghax ghandu jibda' jiddekorri mid-data tal-invoice esebita fl-atti a fol. 50 u cioe' 2 ta' Lulju 2010."***

Bl-appell minnu introdott fil-konfront ta' din is-sentenza s-soċjetà konvenuta appellanti ressqet dawn l-aggravji:-

1. Illi ghalkemm tabqel ma' dak deciz mill-Ewwel Qorti illi t-terminu preskrittiv applikabbli huwa dak previst fl-artikoli 2148(a) u 2148(b) tal-Kapitolu 16 u filwaqt ukoll illi taqbel illi l-hlas li sar permezz ta' tlett cekkijiet mis-socjeta appellanti kien jammonta ghal rikonoxximent ta' debitu u kwindi serva biex jinterrompi il-perijodu preksrittiv ta' tmintax-il xahar ta'l-azzjoni, tilmenta mill-fatt illi l-Ewwel Qorti erronjament cahhdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni imqajjma billi ma haditx in konsiderazzjoni il-fatt illi it-terminu preksrittiv kien rega' beda jiddekorri mill-gdid wara l-hrug tac-cekkijiet u lahqu ghaddew aktar minn tmintax-il xahar previsti fl-artikolu tal-ligi indikat minnha sakemm gew intavolati l-proceduri odjerni.
2. Fit-tieni lok, it-tieni eċċezzjoni mogħtija mill-kumpanija esponenti illi l-ebda ammont ma kien dovut mis-socjeta appellanti, hija konsegwenzjali għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u għalhekk ma kienx hemm raġuni għaliex l-ewwel Onorabbli Qorti kellha tiċħadha.

Illi ghal dan l-appell, is-socjeta rikorrenti appellata la ipprezentat it-twegiba taghha u lanqas biss dehret ghas-smigh ta'l-istess ghalkemm debitament notifikata.

Illi qabel kull konsiderazzjoni ohra huwa essenzjali sabiex tigi risolta dina l-vertenza illi jigu senjalati id-dati li sawwru in-negozjati bejn dawn iz-zewg kumpaniji u dana billi s-socjeta appellanti qed tinvoka il-preskrizzjoni estintiva ta'l-azzjoni odjerna

Illi s-socjeta attriċi permezz tal-presenti istanza qieghda tfittex lill-kumpanija konvenuta appellanti għall-prezz ta' merkanzija tal-ħġieġ mibjugh, kif rifless f'fattura **datata 2 ta' Lulju 2010**. Il-kumpanija konvenuta appellanti ħarġet tliet cekkijiet in konnessjoni ma' dana l-kont, datati **15 ta' Awwissu 2010**, **15 ta' Settembru 2010** u **25 ta' Ottubru 2010** li kollha ma gewx onorati mill-bank. Illi wara dan s-socjeta appellata intavolat dawn il-proceduri fil-konfront tad-debitur taghha fit-30 ta' April **2012**, fejn tallbet il-kundanna ghal hlas mis-socjeta intimata tad-dejn li kien ghadu pendenti.

Illi ma hemmx dubbju illi mal-hrug tac-cekkijiet, is-socjeta appellanti kienet qed tirrikonoxxi id-dejn li kellha in konnessjoni ma' dan in-negozju. B'applikazzjoni ta'l-**Artikolu 2133** tal-Kodiċi Ċivili, ghalhekk jirrizulta illi kien hemm gharfien ta' dana il-jedd:

"*Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jagħraf il-jedd tal-parti li kontra tagħha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja.*"

Dana ma jistax hlief ifisser illi bil-hlas bic-cekkijiet gie interrott il-perijodu preskrittiv estinttiv li kien miexi.

**"Fihom insibu estrinsikati r-rekwiziti okkorrenti ta' l-esternazzjoni ta' dik il-volontarjeta`, konsapevolezza u inekwivocita`, tar-rikonjizzjoni tal-kreditu u dan hu tradott fl-interruzzjoni tal-preskrizzjoni opposta, a norma ta' l-Artikolu 2133 Kodici Civili. Effettivament, il-hlas bic-cekkijiet hu nkompatabbli mal-volonta` fl-appellanti li jiddiskonoxxi l-pretiza kreditrici u, dippju, iservi biex jinterrompi l-preskrizzjoni li tkun miexja. Ara Kollez. Vol. XXIX P I p 755."**
**(Korporazzjoni Ghas-Servizzi Ta' L-Ilma Pro Et Noe Vs Grixti Manuel 10/01/2007 Appell Ċivili.)**

Sa hawn l-Ewwel Qorti kellha ragun fid-decizjoni taghha.

Dak li ma haditx in konsiderazzjoni, madanakollu huwa il-fatt illi wara tali rikonoxximent reġa imbagħad beda jiddekorri t-terminu preskrittiv mill-gdid. (**Kollez. Vol. XLIII P II p 744**). "*L-interruzzjoni ggib l-effett li tannulla l-perijodu preskrittiv gja mibdi u tikkreja l-bidu ta' perijodu iehor gdid.*" Fil-fatt l-Artikolu 2136 tal-Kapitolu 16 jistipula:

"(1) *Meta l-preskrizzjoni tiġi miksura, iż-żmien li jkun għadda qabel ma jgħoddx għalbiex wieħed jippreskrivi.*

*(2) Iżda, il-preskrizzjoni tista' tibda miexja mill-ġdid."*

Issa bejn id-data meta ġiet interotta l-preskrizzjoni bil-ħruġ taċ-ċekkijiet u d-data meta attwalment infetħet il-kawża, ghaddew aktar minn tmintax–il xahar u dan kif tissottometti s-socjeta appellanti fl-aggravvju taghha. Jingħad illi f'dan il-perjodu ta' żmien ma jirriżultax illi kien hemm xi att iehor interruttiv tal-preskrizzjoni u ghalkemm Joseph Zammit in rappresentanza tas-socjeta rikorrenti jikkontendi illi kienet intbaghet xi ittra legali jew gudizzjarja lis-socjeta intimata wara dan, prova izda ta' dina l-interruzzjoni ma saritx billi mill-atti ma jirrizulatx illi hemm xi dokument esebiet f'dan ir-rigward. Għal dawn ir-raġunijiet, il-kreditu tas-socjeta attriċi appellata gie estint u dana fil-25

ta' April 2011 gimgha qabel ma saret it-talba gudizzjarja. (Ara f'dan is-sens Appell Civili Numru. 121/1999/1 **Fl-atti tal-ittra ufficjali presentata fis-7 ta' Jannar 1999 mid-Direttur Generali tax-Xogholijiet v.John Bartolo** tad-29 ta' Ottubru, 2004)

**Konklużjoni**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa' l-appell interpost mis-socjeta intimata u filwaqt li tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati tal-15 ta' Lulju 2013 fl-ismijiet hawn fuq premessi, tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta intimata u tiċħad it-talbiet attrici.

L-ispejjez taz-zewg istanzi ikunu ghak-karigu tas-socjeta appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------